MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 480/2003

**Avviz numru 480/2003DM**

**Pater Finance Co Ltd**

**Vs**

**Credit Management Agency Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mitejn u erba u tletin lira (Lm2234) rapprezentanti import ta' ghaxar (10) kambjali, wahda ta' Lm47 (bilanc) u disgha ta' Lm243 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2002 sa Settembru 2003 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 10 konsekuttivament u inklussivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-26 ta' Settembru 2003 jammontaw ghal Lm80 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Numru 1930/03, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-kumpanija konvenuta debitament notifikata msejjha tlett darbiet ma baghtet ebda rapprezentant biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma baghtet xi rapprezentant biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' elfejn mitejn u erba u tletin lira (Lm2234) oltre s-somma ta' Lm80 (tmenin lira Maltin) imghaxijiet skaduti sas-26 ta' Settembru 2003 bl-imghaxijiet ulterjuri mis-27 ta' Settembru 2003;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------